MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

24 ta' Frar 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.40pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Remigio Bartolo u l-Perit Giorgio Schembri.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Bartolo biss talab biex jiġ skużat. L-ittra t'apoloġija ġiet aċċettata.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sindku talab biex jinbidel l-ordni tal-Agenda u jiddiskutu item

## 23.5 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarja Mhux Awditjati

23.5.1 Is-Sur Tonio Cuschieri beda billi qal li bħal kull sena dan iż-żmien ikunu ġew preparati l-FS u ta spjega fid-dettal ta' kull ċifra li għall-fini ta' minuti jinsabu annessi bhalha d-dokument *Analytical Review 2020* barra li darhom individwalment ukoll.

Il-Perit Schembri daħal f'dan il-mument 5.48pm.

Saru xi mistoqsijiet minn x Kunsilliera fosthom fuq il-mekkaniżmu ta' pagamenti minn DLG lill-Wasteserv, fuq ir-rimbors tal-*Covid Masks*, fuq il-kirja tal-Uffiċċini preżenti fejn kienet saret talba lid-Dipartment sabiex jassorbi l-ispiża imma minħabba li l-finanzi tal-Kunsill kienu f'qagħda tajba u minħabba wkoll li ma kienx hemm soluzzjonijiet oħra ġaladarba il-bini kien perikolanti tali talba ma kinitx milqugħa, fuq ir-rifuzjoni tal-ispiża tal-bankina fi Triq Guzé D'Amato fejn barra r-rifuzjoni tal-bankina fuq inizjattiva tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv saret ukoll l-installazzjoni tad-dawl b'xejn mill-Enemalta liema spiża ġiet assorbita minn Infrastructure Malta, fuq l-għamara li ntrat fl-uffiċċini mikrija liema għamara, kompjuters, dwal u affarijiet oħrajn se jittieħdu fl-Uffiċċini ġodda, fuq il-bilanċi tal-bank li kienu inqas imma dan kien dovut għall-fatt li l-Kunsill ħallas ċertu proġetti u kienu għadhom ma ġewx rifużi.

Is-SE ressqet għall-approvazzjoni ukoll id-*disposal* ta' 2 UPS's u cctv li kienet nħarqet:
KLA00686 UPS Atlantis Line-Interactive OnePower
KLA00688 UPS Atlantis Off-Line One Power 702
KLA00649 CCTV Pjazza Tumas Dingli
filwaqt li rrimarkat li fuq il-ġbir ta' skart kien hemm kuntratt ġdid b'rati għola li affettwaw it-2020 u li nofs l-ispiża qed tiġi rifuża mill-Wasteserv, kif ukoll li kien hemm tender ġdid fuq il-ġonna fejn iddaħħal il-*pruning u watering* imma għalkemm fil-verità sar iktar xogħol u żdiedu ċerti spejjeż relatati mal-pjanti ġodda fuq l-*embankment* xorta l-ispiża kienet inqas u dan qed jiġi rifless fl-FSI b'bilanċ pożittiv ta' 12%.

L-Estimi Finanzjarji 2020 ġew approvati.

Is-Sur Cordina qal li għall-darb'oħra ħadmu b'armonija u j'Alla jibqgħu hekk.

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

### 23.3.1 *Ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali*

Is-Sur Cordina qal li għalkemm ma qabilx mal-proposti, dan xorta ħa jsir u li xtaq iwassal xi punti fuq il-kuntratt propost fosthom fuq ħinijiet, tipping fees jekk hux ħa jkun hemm bidu u tmiem minn lokalità għall-oħra, fuq il-*points* fejn ħa jitpoġġew il-bins hekk kif sottomessi u kif jidhru hawn taħt.


Remarks

I did not endorse the proposal as:
1. the proposal is going towards regionalization of waste collection, though it was stated at the end that it is against a total legislative devolution
2. it is in favor of removal of the current sack-based collection system whilst the Local Council is against collection points by means of placing of containers which though in agreeance that piles are reduced, it is also an opportunity to create further dumping sites
3. if an adequate sack collection is in place, such as the use of twin packs on a two separate item collection day; collection time is reduced, the emissions are still reduced if trucks used are Euro 6, appropriate bags are used to avoid spillage, bags are taken out only 1 hour before collection, business are encouraged to have a private collection adapted to their business hours
4. our urban designs are not adequate for specific collection points, unless various underground storages are constructed where garbage can be stored until collection time. We cannot compare Malta with other countries whereby there is a large scale of greenery and adequate open spaces for the placing of neat containers which do not obstruct any passage ways or result in dumping sites with adequate CCTV footages and enforcement. Our roads are diagonally constructed thus making the placing of bins at corners to close to nearby residences.

Ir-risposta fuq dan kollu kienu li l-Kunsill ħa jibqa' jkollu involviment minħabba li sa jitħallas mir-Reġjun u rimborsat mill-Kunsill, mhux sa jittieħdu parkeġġi, sa jittieħed il-piż meta trakk imur minn lokalità għall-oħra, il-*points* mhux sa jkunu viċin in-nies imma fuq dan tal-aħħar kien għadu xettiku u oħrajn. Il-Perit Schembri saqsa fuq il-*collection points* u li l-Kunsill għandu esperjenza biżżejjed fuq il-*bring-in sites* anka ħabba li jdum ma jinġabar, jiġu l-ġrieden eċċetera. Is-Sur Cordina qal li dawn ħa jkunu operati b'*cards* u żgur li anka jekk ikun hemm CCTV mhux sa joqgħodu jitilgħu Qorti hu u s-Segretarja. Il-Perit Schembri qal ukoll li din tista' tirriżulta f'taxxa indiretta fuq ir-resident sabiex jinġabar skart illegali. Is-Sur Mangion saqsa fuq il-kalendarju tal-iskart jekk hux ħa jibqa' u x'se jiġri fuq il-Festi Pubbliċi u ġranet tal-iskart. Is-Sur Cordina qal li jimmaġina li l-kalendarju għandu jibqa' u anka ċertu *issues* fuq bħal per eżempju l-ġbir ta' ħġieġ. Is-Sur Galea rrimarka li żgur ħadd ma jrid miżbla quddiemu. L-Avukat Brincat qal li kien hemm punti u ilmenti oħrajn bħal skart quddiem il-bieb ta' ħaddieħor u anka li jostakolaw id-*drive-ins.* Is-Sur Bonnici saqsa jekk hemmx xi *deadlines* meta dawn deħlin fis-seħħ? Is-Sur Cordina qal li f'Novembru ħa jinqelbu r-Reġjuni u dan kollu se jibda bejn wieħed

u ieħor 2022 u se jkun sas-sena 2030 biex jiġu mplimentati l-miżuri kollha hekk kif maqbul fil-Parlament bejn iż-żewġ naħat tal-kamra. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

23.3.2 ***Linji Sofor Kontinwi fi Triq Gużé D'Amato***

Is-Sur Cordina qal li għandu talba quddiemu li ma jaqbilx magħha imma xorta jrid iwassalha għall-attenzjoni tal-Kunsill. Hu qal li saretlu talba sabiex il-ħajt fejn hemm il-karozzi pparkjati jitneħħa l-parkeġġ tul ta' 15-il karozżi. L-Avukat Caruana qalet li għalkemm qed tiġri imma mhix daqshekk gravi. Qalet li forsi jista' jsir ikun hemm dik il-*clearance* biżżejjed quddiem il-*garage complex.* Il-Perit Schembri qal li skont il-wiesgħa tat-triq tkun maħsuba l-entratura tal-garaxxijiet. Is-Sur Cordina qal li jista' jkun li peress li saret it-triq u bankina wara li saret il-binja qal l ġiet ftit dejqa. Il-Perit Schembri qal li xorta mhux aċċettabbli. Kien hemm qbil komuni li t-talba ma tiġix aċċettata. Is-Sur Galea qal li ma jaqbilx li jitneħħa l-*parking.*

23.3.3 ***Triq Sant'Anton***

Is-Sur Cordina qal li għandu suġġeriment minn resident fi Triq Sant'Anton sabiex it-triq tiegħu li tibda minn ma' Triq il-Kbira ikollha aċċess restritt. Wara diskussjoni bejn il-Kunsill kollu ġie deċiż li ma jinbidel xejn għalkemm fil-principju l-Kunsill jinnota li ċertu traffiku qed jiġi devjat lejn iċ-Ċentru, madanakollu iħoss li jkun iktar għaqli li permezz ta' sinjaletika aħjar it-traffiku jigi devjat lejn Triq il-Belt Valletta mill-ewwel.

Għaldaqstant it-talba tiegħu sabiex jingħalaq l-aċċess kompletament minn Triq Sant'Antnin ma gietx milqugħa.

23.3.4 ***Triq Peter Paul Rubens***

Petizzjoni minn resident fi Triq Peter Paul Rubens sabiex jingħalaq l-aċċess min-naħa ta' Triq il-Belt Valletta minħabba li kif ġiet issa s-*Central Link* it-traffiku kollu li ġej mill-Belt qed jispiċċa jgħaddi minn din it-triq. Waqt id-diskussjoni kien hemm min qal li ma jarax influss qawwi ta' traffiku, min qal li jekk nirraġunaw hekk kull triq tista' tintalab li ssir *one-way,* min qal li la hemm toroq iddisjanita biex jilqgħu ċertu traffiku ma jsibx oġġezzjoni li ssir *one-way.* Il-Kunsill qabel li din issir *one-way* temporanja sakemm jitlesta l-proġett tas-*Central Link.* Wara jekk tibqa' l-prolema ssir fuq prova ta' tliet xhur u wieħed jimxi minn hemm. Kien hemm ukoll punt li tqajjem li ġaladarba ssir *one-way* din it-triq partikolari jista' jinħoloq precedent f'toroq oħra u jista' wkoll l-istess traffiku jiġi devjat lejn Triq il-Linja (wara l-Corinthia). Għalhekk ġie deċiż li din tintalab li ssir *no entry except for residents* temporanjament ukoll.

## 23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

23.4.1 Victor Galea

- Qal li għalkemm japprezza li l-fondi huma tajbin hekk kif intqal issa preċedentament, ma jistax ikun li l-Kunsill joqgħod jaħsibha biex inaddaf il-ħafna trabijiet li hemm bħalissa fi Triq Tumas Chetcuti. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill m'għandux nofs miljun fondi biex inaddaf l-area għaldaqstant se jitressaq dan għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta u li jekk jista' bil-kuntatti l-għandu s-Sur Galea jagħti palata jgħin ukoll.

23.4.2 Helen Caruana

- Talbet biex ġaladarba qed isir ix-xogħol fi Triq Durmblat issir sinjaletika sew bejn it-toroq Durumblat, Pantar, Santa Katerina u Gradilja. Is-Sur Cordina qal li hemmhekk hemm proġett ippjanat minn Infrastructure Malta u issa li bdew minn hemmhekk hemm pjanat li jkomplu b'din il-parti ukoll.

23.4.3 Giorgio Schembri

- Irrimarka li fuq it-*traffic management* tas-*Central Link* jidher hemm ħafna bnadi mibdijin f'daqqa, trinek miftuħin u mogħtija konkos bl-addoċċ toroq li qed isir xogħol fuqhom f'daqqa. Is-Sur Cordina qal jekk hemm xi suġġerimenti jew ilmenti jgħidulu bihom u jissotomettuhom b'imejl.

Is-Sinjura Connie Scerri telqet minn online f'dan il-mument 7.40pm

## 23.6 Rapporti

23.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 23.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

23.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet tliet kwotazzjonijiet minħabba li l-kuntratt tal-Contracts Manager skada f'Jannar. Il-Kunsill għandu obbligazzjoni li jkollu *Contracts Manager* li huma:
Noel Borg 9880 exc VAT
Joseph Demanuela 5720 VAT exempt
**Raphael Carabott 4992 exc VAT** Din il-kwotazzjoni ġiet milqugħa.

23.7.2 Riżoluzzjoni SPI.SCI.7.2020 *Smart Solutions* – Immaniġġjar ta' Skart sabiex issir applikazzjoni biex issir app fuq il-mobile fuq immaniġġjar ta' skart fejn dak li jkun ikun jista' mill-kumdità ta' daru jsegwi dak kollu li għandu x'jaqsam ma' ġbir ta' skart, ġranet li fih jinġabar ċertu skart, appuntament għall-ġbir ta' skart goff, tindif f'ċertu żoni, ilmenti, pjanta għall-*collection points* bħal *bring-in sites* eċċetera.

Din ir-Riżoluzzjoni għaddiet wara li ġiet proposta mis-Sur Cordina u ssekondata mill-Avukata Helen Caruana.

23.7.8 Talba mill-iskola sekondarja ta' Ħad-Dingli sabiex il-Kunsill jgħin sabiex jinxtraw maskli *reusable* lit-tfal kollha fl-iskola permezz ta' kollaborazzjoni f'għajnuna ta' €200. Din it-talba ġiet milqugħa

## 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

23.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żiedet cekk ta' €10 bħalha avviż **għat-tender maħruġa ta' Accountant.**
**L-Avukat Caruana saqsiet biss fuq l-iffumigar tal-iskola u jekk dan hux obbligatorju.**

Is-Sur Cordina qal li mhux obbligatorju imma minħabba siġurtà tat-tfal iħoss li dan għandu jsir. Kulħadd qabel.

## 23.9 Mozzjonijiet; u

23.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 23.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.52pm u ġiet aġġornata għat-24 ta' Marzu 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 24 ta' Marzu 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv